**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/035 |
| **Ilment:** | Nuqqas ta' sottomissjoni ta' prospetti tat-taxxa da parti ta' Dr Jason Azzopardi meta kien għadu deputat parlamentari |
| **Ilmentaturi:** | Is-Sur Jason Micallef, is-Sur Ray Azzopardi u s-Sur Edward Montebello |
| **Data tal-Ilmenti:** | 5 ta' Marzu 2021, 6 ta' Marzu 2021, u 15 ta' Marzu 2021 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 7 ta' Awwissu 2023 |

**L-Ilmenti**

*L-ewwel ilment*

1. Permezz ta' ittra datata 5 ta' Marzu 2021 (annessa u mmarkata Dokument A), is-Sur Jason Micallef (l-ewwel ilmentatur) talab li jiġi investigat Dr Jason Azzopardi, dak iż-żmien deputat parlamentari, fid-dawl ta' rapport ippubblikat mill-istazzjon One News fejn ġie allegat illi Dr Jason Azzopardi naqas milli jissottometti d-dikjarazzjonijiet tat-taxxi dovuti minnu lill-awtoritajiet tat-taxxa għal numru ta' snin.

2. L-ewwel ilmentatur qal:

> […] *nirreferi għal rapporti fil-midja fl-aħħar jiem fejn kien żvelat kif l-Onorevoli Jason Azzopardi naqas milli jiddikjara d-dħul tiegħu għall-fini ta' ħlas ta' taxxa tul medda ta' snin. Dan waqt li kien Deputat.*
>
> *Skont l-istess rapporti jirriżulta li tant hu hekk li meta l-Onorevoli Speaker kien mitlub jagħti d-dikjarazzjonijiet ta' taxxa tal-Onorevoli Azzopardi, kien hemm snin neqsin.*

*It-tieni ilment*

3. Fis-6 ta' Marzu 2021, permezz ta' email (annessa u mmarkata Dokument B), is-Sur Ray Azzopardi (it-tieni ilmentatur) ukoll talab li jiġu investigati l-allegazzjonijiet dwar taxxa mhux imħallsa minn Dr Jason Azzopardi, fid-dawl tar-rapporti li kienu dehru fl-aħbarijiet.

*It-tielet ilment*

4. Fil-15 ta' Marzu 2021, permezz ta' email (annessa u mmarkata Dokument Ċ) is-Sur Edward Montebello, dak iż-żmien Head of News ma' One News (it-tielet ilmentatur), qal illi fl-erba' snin ta' qabel, Dr Azzopardi kien issottometta dikjarazzjoni tat-taxxa darba biss. Is-Sur Montebello allega illi anke f'din id-dikjarazzjoni, Dr Azzopardi ma ddikjara l-ebda dħul minkejja li kien avukat prattikanti. Is-Sur Montebello sostna wkoll illi kien biss wara li r-rapport ġie ppubblikat minn One News illi Dr Azzopardi emenda d-dikjarazzjoni tat-taxxa tiegħu.

**Il-Kuntest**

5. Ir-rapport li għalih jirreferi l-ewwel ilmentatur, bit-titlu "*Niżvelaw: Jason Azzopardi Ieħor Li Ma Jiddikjarax it-Taxxa*", ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-istazzjon One News fl-4 ta' Marzu 2021.[1]

6. Il-kontenut tar-rapport jirrifletti dak li huwa deskritt fl-ewwel ilment u ċioè illi l-eks deputat parlamentari Jason Azzopardi naqas billi ma ddikjarax it-taxxa dovuta minnu lill-awtoritajiet tat-taxxa għal numru ta' snin.

7. Ir-rapport ta' One News jgħid "*Bis-saħħa li tagħtih il-liġi, editur reġistrat jista' jitlob it-tax returns tad-deputati*". Dan l-Uffiċċju għandu josserva li dan mhux preċiżament minnu. Skont l-artikolu 4(5)(a) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (il-kapitolu 372 tal-liġijiet ta' Malta), huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ta' kull sena għandu jipprepara dikjarazzjoni li turi d-dħul dikjarat minn kull deputat parlamentari u jibgħat din id-dikjarazzjoni lill-Ispeaker.

8. Dan ifisser li l-Ispeaker ma jkollux f'idejh il-prospetti attwali tat-taxxa tad-deputati, iżda dikjarazzjonijiet ippreparati mill-Kummissarju tat-Taxxi li

[1] Ara https://one.com.mt/nizvelaw-jason-azzopardi-iehor-li-ma-jiddikjarax-it-taxxa/.

effettivament jipprovdu sommarju tad-dħul dikjarat minn kull deputat. Skont l-artikolu 4(5)(b) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, huma dawn is-sommarji li jistgħu jintalbu minn editur reġistrat.

9. Dan qed jingħad għall-finijiet ta' preċiżjoni u ma jaffettwax il-merti tal-ilmenti, għaliex jibqa' l-fatt li jekk deputat parlamentari ma jibgħatx il-prospett tat-taxxa tiegħu lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju tat-Taxxi ma jkunx f'pożizzjoni li jibgħat lill-Ispeaker is-sommarju tad-dħul ta' dak id-deputat.

10. Ftit wara li deher ir-rapport in kwistjoni fil-gazzetti, Dr Jason Azzopardi, fi stqarrija lill-gazzetta *MaltaToday*,[2] qal pubblikament illi kien naqas milli jissottometti l-prospetti tat-taxxa għas-snin 2018 u 2019. Dr Azzopardi qal illi peress li dak iż-żmien kien għaddej minn separazzjoni personali li ġabet magħha diffikultajiet legali, kien impossibbli għalih li jissottometti l-prospetti fil-ħin.

11. Barra minn hekk, Dr Azzopardi qal illi f'Jannar tal-2021, kien ippreżenta personalment il-prospetti tat-taxxa tiegħu għas-snin 2018 u 2019 lill-awtoritajiet, però qal li l-Kummissarju tat-Taxxi kien fadallu biex jipproċessa l-istimi differenti, kif inhu rekwiżit fi proċeduri ta' separazzjoni personali.

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

12. Dan il-każ jittratta dwar l-aġir ta' Dr Azzopardi bħala persuna privata, mhux fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala deputat parlamentari, għalkemm l-aġir seħħ meta huwa kien deputat. Madankollu, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti qies dan l-aġir sindakabbli minnu fid-dawl tal-artikolu 13(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jimponi fuq il-Kummissarju l-obbligu li:

> [...] *jeżamina u jekk ikun meħtieġ jivverifika, dawk id-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dħul jew attiv, jew interessi jew benefiċċji oħra ta' kull xorta ta' persuni li għalihom japplika dan l-Att, li għandhom id-dmir*

[2] L-artiklu tal-gazzetta *MaltaToday* fejn jidhru l-kummenti ta' Dr Jason Azzopardi ġie ppubblikat fil-5 ta' Marzu 2021 u huwa aċċessibbli minn https://www.maltatoday.com.mt/news/national/108133/labour_opens_front_over_azzopardi_tax_returns_mp_says_delays_down_to_marital_separation#.YyRGJXZByUk.

*li jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jkun provdut taħt dan l-Att jew kull liġi oħra* [...]

13. Il-Kummissarju preċedenti mexa fuq il-preċedent ta' każ ieħor ikkunsidrat minnu fejn deputat parlamentari ma ħallasx it-taxxa dovuta minnu. F'dak il-każ il-Kummissarju kien ikkonkluda hekk:

*Hija l-prattika tiegħi li bħala regola ġenerali m'għandix ninvestiga mġiba ta' deputati jew ministri fil-kapaċità personali tagħhom, sakemm din l-imġieba ma tkunx relatata imqar indirettament mal-irwol pubbliku tagħhom. Dan il-każ jirrappreżenta eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali billi jittratta dwar ħlas ta' taxxa. Id-deputati parlamentari għandhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor fejn tidħol l-osservanza tal-liġijiet dwar it-taxxa. Dan huwa rifless indirettament fl-artikolu 13(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jimponi fuqi d-dover li nivverifika d-dikjarazzjonijiet dwar dħul, assi u interessi li jsiru minn deputati parlamentari taħt l-istess Att "jew kull liġi oħra", inkluż allura l-liġijiet dwar it-taxxa. Għalhekk ma nistax niċħad l-ilment fuq il-bażi li jittratta dwar sempliċi każ ta' imġiba privata.*

[...] *deputat parlamentari għandu jagħti eżempju tajjeb u għandu jevita li jġib ruħu b'mod oġġezzjonabbli anki jekk tali mġiba hija komuni da parti ta' persuni privati.*[3]

14. Għalhekk il-Kummissarju preċedenti deherlu li l-ilmenti taħt konsiderazzjoni hawn jimmeritaw investigazzjoni taħt il-kapitolu 570. Deherlu li l-artikoli relevanti huma l-artikolu 22(1)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jirreferi għall-ksur ta' "*xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra*", u l-artikolu 1 tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, anness bħala l-ewwel skeda tal-Att, li jgħid li "*Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati*".

15. Madankollu, il-Kummissarju preċedenti ma ħassx li kellu jinvestiga l-allegazzjoni fit-tielet ilment li f'dikjarazzjoni tat-taxxa li ssottometta Dr Jason Azzopardi, huwa ma ddikjarax dħul sabiex jevadi t-taxxa. Il-Kummissarju

3 Rapport dwar il-każ K/040 (maħruġ 30 ta' Settembru 2022), paragrafi 39 u 40. Ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K040.pdf.

preċedenti kien tal-fehma li kieku kellu jinvestiga din l-allegazzjoni, kien ikun qed jidduplika l-irwol tal-Kummissarju tat-Taxxi. Għalhekk huwa iffoka l-investigazzjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' prospetti tat-taxxa.

16. Dan l-Uffiċċju jaqbel ma' dawn il-konsiderazzjonijiet.

17. Dr Jason Azzopardi ma ġiex elett fl-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2022 u għaldaqstant m'għadux deputat parlamentari. Madankollu, il-Kummissarju preċedenti kien tal-fehma li Dr Azzopardi baqa' sindakabbli taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, ġaladarba l-ilmenti saru u bdew jiġu investigati meta huwa kien għadu deputat. Il-Kummissarju kien konsistenti mal-preċedent stabbilit minnu f'każ ieħor li kien jinvolvi ex-deputat parlamentari.[4] Anki hawn dan l-Uffiċċju jaqbel mal-Kummissarju preċedenti.

## Proċedura tal-Investigazzjoni

18. Fil-11 u t-18 ta' Marzu 2021, il-Kummissarju preċedenti kiteb lil Dr Jason Azzopardi, dak iż-żmien deputat parlamentari sabiex jibgħatlu kopji tal-ilmenti, jirriferieh għad-dispożizzjonijiet tal-Att u tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati li huma kkwotati fuq, u jitolbu jagħti r-reazzjonijiet tiegħu għal dak li ġie allegat.

19. Fid-19 ta' Marzu 2021, permezz ta' email, Dr Jason Azzopardi talab iktar żmien sabiex jirrispondi għall-allegazzjonijiet. Il-Kummissarju preċedenti approva l-estensjoni dakinhar stess.

20. Fit-28 ta' Marzu 2021, permezz ta' email (annessa u mmarkata bħala Dokument D) Dr Azzopardi għamel sottomissjonijiet bil-miktub b'risposta għall-ittri li ntbagħtulu.

21. Fl-email tiegħu Dr Azzopardi ta diversi raġunijiet għalfejn ma setax jissottometti l-prospetti lill-awtoritajiet tat-taxxa, inklużi s-separazzjoni tiegħu kif ukoll l-impenji professjonali li kellu fl-istess perjodu, li jgħid ma ħallewlux biżżejjed ħin sabiex jaġġorna ruħu mal-obbligi l-oħra tiegħu.

[4] Ara r-rapport dwar il-każ K/031 (maħruġ 12 ta' Ottubru 2021), paragrafi 10–11 u 26–29. Dan ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K031.pdf.

22. Fl-introduzzjoni tas-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, Dr Azzopardi ammetta illi kien naqas meta ma ssottomettiex il-prospetti tat-taxxa tiegħu *"għal dawn l-aħħar 3 snin"*. Sostna ukoll illi kienet l-ewwel darba illi din ġrat fil-karriera professjonali tiegħu.

23. Madanakollu, Dr Azzopardi ċaħad illi n-nuqqas sar b'kapriċċ, u sostna li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jevadi t-taxxa, kif kien ġie allegat. Qal li minħabba raġunijiet personali, ma setax jissottometti l-prospetti fil ħin, kif jiġri lil eluf ta' ċittadini Maltin fis-sena.

24. Kompla billi ta spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi li waslu għan-nuqqas ta' sottomissjoni tal-prospetti, inkluż is-separazzjoni tiegħu fl-2017. Dr Azzopardi spjega illi meta kien telaq mid-dar matrimonjali, kien ħalla warajh files, inklużi dawk tat-taxxa fuq l-income.

25. Spjega ukoll illi wara l-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, ġie ingaġġat bħala l-avukat tal-familja tagħha. Dr Azzopardi sostna illi minħabba n-natura ta' dak il-każ u l-proċeduri rilevanti, ma setax ilaħħaq ma' diversi impenji oħra f'ħajtu, kemm personali kif ukoll professjonali.

26. Barra minn dan, Dr Azzopardi spjega illi bħala parti mill-proċeduri tas-separazzjoni tiegħu, sar mandat ta' sekwestru kontrih. Huwa qal li dan jiġri lil ħafna Maltin li jgħaddu mill-istess proċeduri, u b'riżultat ta' dan ħafna persuni jispiċċaw jissottomettu l-prospetti tat-taxxa tard.

27. Dr Azzopardi qal ukoll li fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2021 huwa rregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni billi ssottometta l-prospetti neqsin flimkien ma' profit and loss statement. Qal ukoll li huwa ħallas penali talli ssottometta l-prospetti tard, u ħallas ukoll l-arretrati tat-taxxa li kellu pendenti.

28. Fil-15 ta' Novembru 2021, il-Kummissarju preċedenti ltaqa' ma' Dr Azzopardi sabiex jiddiskuti l-każ tiegħu f'aktar dettall. Fid-29 ta' Lulju 2022 il-Kummissarju preċedenti reġa' ltaqa' ma' Dr Azzopardi sabiex jinfurmah bl-eżitu tal-investigazzjoni tiegħu, kif indikat aktar tard f'dan ir-rapport.

**Konsiderazzjonijiet**

29. Fis-sottomissjonijiet tiegħu Dr Azzopardi ammetta li huwa naqas milli jissottometti l-prospetti tiegħu tat-taxxa għal xi snin.

30. Dr Azzopardi attribwixxa dan in-nuqqas għaċ-ċirkostanzi personali tiegħu, kif ukoll l-impenji professjonali tiegħu. Madankollu, il-Kummissarju għall-Istandards preċedenti deherlu li għalkemm iċ-ċirkostanzi personali ta' Dr Azzopardi, fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mas-separazzjoni tiegħu, jistgħu jittieħdu bħala ċirkostanzi attenwanti, l-istess ma jistax jingħad għal dawk professjonali. L-impenji ta' avukat prattikanti, u ta' kull professjonist, di natura jinkludu l-amministrazzjoni tal-affarijiet tiegħu, u ċertament jinkludu l-għemil ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa u l-ħlas tat-taxxi dovuti minnu.

31. Dan l-Uffiċċju jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissarju preċedenti. Deputati parlamentari għandhom jagħtu eżempju tajjeb, speċjalment meta jitqies il-fatt illi l-irwol tagħhom jobbligahom li jiskrutinizzaw ix-xogħol tal-gvern, u jinkoraġġixxu r-rispett għal-liġijiet li jippromulgaw u jivvutaw għalihom.

**Konklużjonijiet**

32. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet preċedenti, dan l-Uffiċċju jqis lill-eks deputat parlamentari Jason Azzopardi responsabbli għal ksur ta' dmir statutorju kif jipprovdi l-artikolu 22(1)(b) tal-Kap. 570, u ksur tal-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati li jinsab fl-ewwel skeda tal-istess Att. Il-fatt li Dr Azzopardi kien għaddej minn separazzjoni ma jeżonorahx iżda jirrappreżenta ċirkostanza attenwanti li twassal biex dan l-Uffiċċju jqis il-każ bħala wieħed mhux ta' natura gravi skont il-Kap. 570.

33. Il-Kummissarju preċedenti kien tal-istess fehma. Għalhekk iltaqa' ma' Dr Azzopardi fid-29 ta' Lulju 2022, fejn spjega l-konklużjonijiet tiegħu bl-intenzjoni illi jikkonkludi l-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att. Dan l-artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissarju li jagħlaq każ jekk ma jkunx ta' natura gravi u jekk il-persuna investigata tirrimedja l-ksur b'mod li huwa jqis adegwat.

34. F'dik il-laqgħa, il-Kummissarju preċedenti ppropona li s-sottomissjoni ta' Dr Azzopardi tat-28 ta' Marzu 2021 (Dokument D) tittieħed bħala apoloġija għall-finijiet tal-artikolu 22(5) tal-Att, ċioè fejn jgħid:

> *Dan li ktibt ma ktibtux biex niġġustifika jew biex nitlob ħniena jew simpatija, imma biex nispjega u nuri li ma kien hemm ebda animu jew intenzjoni ħażina da parti tiegħi li nevadi t-taxxa. Qatt ma kelli intenzjoni li nkun 'il fuq mil-liġi kif allega wieħed minn dawk li kitiblek l-ilment kontrija.* […]

*M'hemmx għalfejn ngħidlek: qed nobbliga ruħi li ma nerġax indaħħal IT return* [prospett elettroniku tat-taxxa] *tard."*

35. Dr Azzopardi aċċetta din il-proposta.

36. Madankollu, ma kienx possibbli għall-Kummissarju preċedenti li jiffinalizza r-rapport tiegħu dwar dan il-każ qabel ma rriżenja mill-kariga tiegħu fit-30 ta' Settembru 2022 in konsegwenza tal-ħatra tiegħu bħala membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

37. Fit-8 ta' Marzu 2023, inħatar is-sottoskritt bħala Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Wara konsiderazzjoni tal-każ, is-sottoskritt adotta l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni li kienet saret u iffinalizza dan ir-rapport fuq din il-bażi.

38. Fl-14 ta' Marzu 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lil Dr Azzopardi (Dokument E) u talbu jikkonferma illi għadu jaqbel mal-proposta li s-sottomissjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2021 tittieħed bħala apoloġija għall-finijiet tal-artikolu 22(5) tal-Att.

39. Dr Azzopardi rrisponda dakinhar stess permezz ta' email (Dokument F) u kkonferma li huwa jaqbel ma' din il-proposta. Għalhekk dan l-Uffiċċju qed iqis is-sottomissjoni ta' Dr Azzopardi tat-28 ta' Marzu 2021 (Dokument D) bħala apoloġija għall-finijiet tal-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u qed jagħlaq dan il-każ taħt l-istess artikolu.

40. Kopji ta' dan ir-rapport qed jintbagħtu lill-ilmentaturi, lil Dr Azzopardi, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-iskop ta' informazzjoni. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata 5 ta' Marzu 2021 mingħand is-Sur Jason Micallef |
| Dokument B | Email datata 6 ta' Marzu 2021 mingħand is-Sur Ray Azzopardi |
| Dokument Ċ | Email datata 15 ta' Marzu 2021 mingħand is-Sur Edward Montebello |
| Dokument D | Email datata 28 ta' Marzu 2021 mingħand l-Onorevoli Dr Jason Azzopardi |
| Dokument E | Ittra datata 14 ta' Marzu 2023 lil Dr Jason Azzopardi |
| Dokument F | Email datata 14 ta' Marzu 2023 mingħand Dr Jason Azzopardi |

DOKUMENT A

Dr George Marius Hyzler

Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl,

Il-Belt Valletta VLT 1210

5 ta ' Marzu 2021

Sur Kummissarju,

Bħala ċittadin Malti nirreferi għal rapporti fil-midja fl-aħħar jiem fejn kien żvelat kif l Onorevoli Jason Azzopardi naqas milli jiddikjara d-dħul tiegħu għall-fini ta' ħlas ta' taxxa tul medda ta' snin. Dan waqt li kien Deputat.

Skont l-istess rapporti jirriżulta li tant hu hekk li meta l-Onorevoli Speaker kien mitlub jagħti d-dikjarazzjonijiet ta' taxxa tal-Onorevoli Azzopardi, kien hemm snin neqsin.

Nirreferik għal din il-ħolqa f'każ li għadek ma segwejtx ir-rapport: https://www.one.com.mt/news/2021/03/04/nizvelaw-jason-azzopardi-iehor-li-ma-jiddikjarax-it-taxxa/

Bħala ċittadin jidhirli li din mhix imġieba xierqa minn deputat parlamentari li ngħata l-fiduċja tan-nies u li hu saħansitra hu mħallas mit-taxxi tal-istess nies li fdawh jirrappreżentahom.

Ikun xieraq li tibda investigazzjoni mill-iktar fis biex mhux biss tistabilixxi l-ksur tal-kodici tal etika u l-ksur tal-liġi li kien hemm f'dan il-każ, iżda wkoll biex l-uffiċċju tiegħek jassigura li ma jkunx hemm deputati li jkunu 'l fuq mil-liġi b'impunità. F'każ li diġa' bdejt investigazzjoni minn jeddek nitolbok li żżid l-ilment tiegħi bħala parti minn din l-investigazzjoni.

Inselli għalik.

Jason Micallef

[redacted]

DOKUMENT B

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Ray Azzopardi <[redacted]> |
| **Sent:** | Saturday, 6 March 2021 09:10 |
| **To:** | Office |
| **Subject:** | Allegations of tax undeclared |

Mr Hyzler.

In my name as a private citizen of this country, i am asking you to investigate Mr. Jason Azzopardi MP Partit Nazzjonalista in the light of the allegations heard yesterday on the news regards Tax undeclared.

At the end we all have the right to know what Mr Azzopardi as an MP had done in this matter.

Regards
Ray Azzopardi
[redacted]

Sent from Ray's iPhone

DOKUMENT Ċ

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | ONE - Head of News <[redacted]mt> |
| **Sent:** | Monday, 15 March 2021 20:11 |
| **To:** | Office |
| **Subject:** | EMAIL MINN ONE NEWS |

Sur Kummissarju,

Niktiblek bħala ġurnalist li segwejt il-każ fejn id-deputat Jason Azzopardi kiser l-obbligi legali tiegħu skont il-liġijiet tat-taxxa billi ma ħallasx it-taxxa dwar id-dħul fuq medda ta' snin, u lanqas bagħat ir-returns tat-taxxa tad-dħul għal medda ta' snin.

Din hi xi ħaġa li l-uffiċċju tiegħek diġà intalab jinvestiga dwarha, anke billi dan il-ksur tal-liġi hu wiehed kontinwu u jirreferi għal snin li fihom l-Onor. Azzopardi kien diġà deputat.

Nixtieq niġbidlek l-attenzjoni li l-Onorevoli Jason Azzopardi mhux biss ma ddikjarax u ma ħallasx it-taxxa dovuta minnu, bi ksur ta' etika ċar u anke ksur ta' liġi, talli fl-uniku sena fl-aħħar erba' snin li kien daħħal il-formola, l-Onor Azzopardi ddikjara li ma qala' xejn mill-professjoni tiegħu. Dan meta hu pubblikament magħruf li hu avukat prattikanti.

Kien wara li f'ONE News żvelajna dan li l-Onorevoli Azzopardi mar jiġri ibiddel id-dikjarazzjoni tat-taxxa tiegħu u żied dħul sostanzjali li qabel kien intenzjonalment ħalla barra.

Nemmen li dan l-iżvilupp hu relevanti ħafna għall-investigazzjoni tiegħek. L-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż jixirqilha aħjar minn hekk.

Fil-fehma tieghi l-uffiċċju tiegħek irid jibgħat messagg ċar li s-siġġu parlamentari ma jagħtikx l-immunità mill-osservanza tal-liġijiet u obbligi fiskali.

Inselli għalik.

**Edward Montebello**
Head of News

ONE Productions Ltd - a *member of ONE Group*
A28b, Industrial Estate, Marsa MRS3000, Malta
+356 2568 500 web | one.com.mt

one | one HD | one RADIO | ONE.COM.MT

*This message contains confidential information and is intended only for the individual named. If you are not the named addressee you should not disseminate, distribute or copy this e-mail.*
*Please notify the sender immediately by e-mail if you have received this e-mail by mistake and delete this e-mail from your system.*
*E-mail transmission cannot be guaranteed to be secure or error-free as information could be intercepted, corrupted, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses.*
*The sender, therefore, does not accept liability for any errors or omissions in the contents of this message, which arise as a result of e-mail transmission.*
*If verification is required please request a hard-copy version*
**Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail**

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Azzopardi Jason at Parlament-MT <[redacted]> |
| **Sent:** | Sunday, 28 March 2021 11:49 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | Azzopardi Jason at Parlament-MT; Scicluna Ray at Parlament-MT; Gaerty Marvin at CfR |
| **Subject:** | Re: Każ K/035: Ilmenti dwar nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa |

Sur Kummissarju, Dr Hyzler

Qabel xejn, nirringrazzjak hafna talli tajtni din l-estensjoni ta' zmien biex inwiegeb. Sinccrament bl-ammont ta' seduti f'kumpilazzjonjiiet fil-Qorti li qed idumu granet shah, ma stajtx insib il-hin biex inwiegbek kif suppost sad-deadline originali.

B'sens ta' lealta lejk, nibda biex nghidlek li iva, veru jien inqast li nissottometti r-returns tat-taxxa ghal dawn l-ahhar 3 snin. Hija l-ewwel darba minn kemm ilni li bdejt nahdem ta' 18-il sena li jien qatt waqajt lura milli nimlihom fil-hin.

Pero zgur mhux b'kapricc.

**<u>Mhux veru</u>** li jien inqast b'hazen, jew b'intenzjoni malinna ghamilt xi ghemil biex nevadi t-taxxa kif gie insinwat u allegat b'mod moqziez mill-media tal-Partit Laburista, liema rapporti huma l-bazi tal-ilmenti li inti ircevejt.

Bl-istess argument allura kull wiehed mill-eluf (madwar 10,000 mill-memorja tieghi) ta' Maltin u Ghawdxin li **kull sena** jdahhlu IT return tard ghal ragunijiet personali u genwini allura jaghmlu hekk bi skop hazin. Zgur li le.

Stramba hafna kif kien il-Prim Ministru li fil-bidu ta' Marzu 2021 habbar huwa stess li kien jaf b'din l-istorja fuq dettalji tieghi privati u personali li l-media tal-PL kienet ser tohrog fuqi.

Il-ligi tipprovdi ghal hlas ta' penali meta l-IT return tidhol tard, haga li jien issa hallast. Bhal kulhadd.

Il-fatti huma essenzjalment dawn:

1. F'Gunju 2017 jien hrigt mid-dar matrimonjali. Hadt l-effetti personali tieghi biss. Hallejt warajja kotba, files u dokumenti, inkluz kull haga relatata ma' Income Tax returns.

2. Meta fis-16 t'Ottubru 2017 inqatlet Daphne Caruana Galizia u jien gejt mitlub inkun l-avukat tal-familja, minn dakinhar 'l hawn hajti inbidlet, iktar u iktar wara li bdiet l-ewwel kumpilazzjoni f'Dicembru 2017 u imbaghad f'Novembru 2019.

3. L-ahhar haga li kelli f'rasi kien li nimla t-tax returns, anke ghaliex jien abbandunajt tista' tghid kollox, biex inlahhaq max-xoghol relatat mal-omicidju imsemmi, sija kumpilazzjonijiet u sija kawzi kostituzzjonali. Jiddispjacini hafna li abbandunajt kompletament l-affarijiet tieghi personali biex naghti hini u sahhti kollha f'kaz li hu li hu. Hija verita kiefra f'hajti, imma dik hija l-verita.

4. Kif tista' tikkonferma mal-Avukat Dr Busietta li mieghu ghandi Ufficju Legali, wara l-2017 jien m'ghadnix inkun regolari l-ufficju legali taghna biex nara klijenti jew nies. Semplicement m'ghadx ghandi c-cans. Gieli jghaddu xhur bejn darba u ohra li jien immur l-ufficju.

5. Fil-frattemp madwar Awwissu 2017, kif inhuwa maghruf pubblikament, sar mandat ta' sekwestru kontrija fil-kors ta' proceduri ta' separazzjoni personali, liema mandat kif cert li taf, igib mieghu certu konsegwenzi fuq il-hajja ta' kuljum.

6. Kif tista' tikkonferma mal-Kummissarju tat-Taxxa Mr Gaerty, huwa mill-iktar normali li persuna li tkun ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni personali u li jkollha mandati ta' sekwestru, jaqa' lura u jonqos milli jimla l-IT returns. Dak li japplika ghal eluf ta' Maltin u Ghawdxin, japplika ghalija wkoll nahseb. Hadd ma jista' jaghmel l-impossibbli.

7. Kif inti tista' tikkonferma (haga li nixtieq hafna li inti taghmel), fl-ahhar 5 snin hemm numru kbir ta' Ministri u Deputati tal-Gvern li dahhlu r-return tal-IT tard u <u>**hadd minnhom**</u> ma kellu r-raguni genwina tieghi tas-sitwazzjoni personali tieghi. Nixtieqek hafna li dan tivverifikah, u tara d-differenza bejn min kellu raguni genwina u min ma kellux. Possibbli li l-Prim Ministru harbitlu din l-informazzjoni?

8. Hekk kif wasal Dicembru 2020 u ltqajt ghall-ewwel darba f'hajti mal-Kummissarju Gaerty, jien ftaht qalbi mieghu u ghidtlu bil-problema li kelli u li xtaqt nindirizza. Stedinni li mmur inkelmu hekk kif jghaddu l-festi u fil-fatt fil-bidu jew nofs Jannar 2021 jien mort u iltqajt mieghu. Spjegali kemm kienet xi haga normali li min ikun ghaddej minn separazzjoni personali jaqa' lura fil-mili tal-IT returns u li kien ha jurini x'kelli naghmel u serrahli rasi mill-kunfidenzjalita billi offrieli li mmur ghandu personalment bl-IT returns li huwa stess ipprintjali u gheni nimla.

9. Niftakru jghidli li kien ser ikollu jahdimli kemm taxxa kienet dovuta ghax peress li jien kont hallast hafna Provisional Tax fl-2017 kien qed jissuspetta li l-ammont ta' taxxa dovuta minni kien ser ikun wiehed baxx. **Nitolbok biex dan il-fatt ukoll inti tikkonfermah mas-Sur Gaerty**.

10. Kienet zvista tieghi u tieghi biss li meta dawn dahhalthom f'Jannar 2021 jien ma annettejtx il-profit and loss declaration tal-ufficju legali tieghi, liema P+L declaration <u>**kienu dahlu kull sena**</u> regolarment mill-avukat Dr Busietta ghan-nom tat-tnejn li ahna tal-ufficju legali taghna.

11. Qed nenfasizza dan il-fatt biex nurik li kieku kellu xi intenzjoni nevadi t-taxxa, l-partner tal-ufficju legali taghna t-tnejn ma kienx jissottometti l-P+L declaration taghna <u>**t-tnejn**</u> kull sena!

12. Gara ghalhekk li appena fi Frar 2021 (lejn l-ahhar ta' Frar minghalija kien, **xi haga li nitolbok tivverifika mal-Kummissarju Gaerty**) cempilli Mr Gaerty u gibidli l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas li nannetti dawn il-P + L tal-ufficju, jien dakinhar stess cempilt lil Dr Busietta biex jibghathomli u fil-fatt dakinhar stess jien bghatthom lil Kummissarju Gaerty. **Nitolbok ukoll hafna li tikkonferma dan mal-Kummissarju Gaerty**.

13. Ninfurmak ukoll li l-gimgha li ghaddiet (u qed nanetti email tas-Sur Gaerty biex tikkonferma dan) jien hallast kull taxxa dovuta minni tal-ahhar 4 snin bil-flus li din il-gimgha jien u hija dahhalna mill-bejgh ta' garage tal-papa taghna li miet fl-2005.

14. Dan li ktibt ma ktibtux biex niggustifika jew biex nitlob hniena jew simpatija, imma biex nispjega u nuri li ma kien hemm ebda animu jew intenzjoni hazina da parti tieghi li nevadi t-taxxa. Qatt ma kelli intenzjoni li nkun 'l fuq mill-ligi kif allega wiehed minn dawk li kitiblek l-ilment kontrija. Kellu bzonn kellu l-istess zelu u inizjattiva biex jiskopri l-verita dwar kuginuh mill-Mosta li llum-il gurnata jinsab akkuzat li kien komplici fl-2017 fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u li kien lest joqtolha anke fl-2015 b'machine gun, li spara u qatel 'l Avukat Carmel Chircop, u li skond xhud tal-iStat, kien jittraffika d-droga, jimporta d-droga u l-armi.

15. M'hemmx ghalfejn nghidlek: qed nobbliga ruhi li ma nergax indahhal IT return tard.

16. **Fl-ahharnett, hija x-xewqa umli tieghi li jkolli l-opportunita li ttini appuntament mieghek biex nispjega iktar fuq il-fatti hawn fuqi elenkati.**

Jason Azzopardi MP

On 19 Mar 2021, at 23:11, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor Dr Azzopardi

Il-Kummissarju għall-Istandards aċċetta t-talba tiegħek għal estensjoni sat-Tnejn 29 ta' Marzu 2021.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

<image001.png>

---

**From:** Azzopardi Jason at Parlament-MT <[redacted]>
**Sent:** Friday, 19 March 2021 09:11
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Cc:** Azzopardi Jason at Parlament-MT <[redacted]>; Scicluna Ray at Parlament-MT <ray.scicluna@parlament.mt>; Gaerty Marvin at CfR <marvin.gaerty@gov.mt>
**Subject:** Re: Każ K/035: Ilmenti dwar nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa
**Importance:** High

Sur Polidano

Huwa proprju llim li bdejt nara l-emails tal-ahhar jiem.

Kif nahseb taf, minhabba xoghol fil-Qorti li qed ikun rrapurtat kwazi kuljum b'seduti twal hafna u li jinvolvu granet ta' preparamenti wahdi (dan qed nghidulek semplicement ghax hija xi haga li tista' tivverifika), ma kelli ebda cans naqra l-emails u nahdem fuqhom, inkluz din tal-Kummissarju.

Peress li nhar it-Tnejn u l-Erbgha fit-8.30am ghandi zewg seduti twal hafna in konnessjoni mal-omicidju Caruana Galizia quddiem il-Mag Farrugia Frendo (qed naghtik id-dettalji biex tkun tista' tivverifka jekk trid) u li ghalihom irrid nipprepara hafna xoghol ghax ser jixhed kriminal li inghata l-Proklama, xtaqt

gentilment nitolbok il-kortezija li taghtini ftit jiem ohra biex inkun nista' inwiegbek kif suppost.

Dan anke ghaliex (u ghalhekk ned nikkupjah), **kif jista' jikkonfermalek il-Kummssarju tat-Taxxi Mr Gaerty stess**, kont qed nistenna ghal dawn l-ahhar ftit gimghat mid-Dipartiment tieghu li jahdmuli ir-returns li jien dahhalt f'Jannar li ghadda.

Napprezza hafna ghalhekk jekk tkun daqstant gentili li takkordali ftit jiem (imqar gimgha) minn Monday li gej, ghax altrimenti miniex ser inlahhaq inwiegbek kif imiss biex nuri FATTWALMENT kemm huma infondati l-imputazzjonijiet, insinwazzjoni u akkuzi li saruli mill-Partit Laburista u r-rapporti li l-Ufficju tieghek ircieva.

Sincerament

Jason Azzopardi MP

On 18 Mar 2021, at 14:49, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor Dr Azzopardi

Qed nibgħatlek ittra oħra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika in konnessjoni mal-istess każ li kitiblek dwaru fil-11 ta' Marzu.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

<image001.png>

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Sent:** Thursday, 11 March 2021 14:02
**To:** 'Azzopardi Jason at Parlament-MT' <[redacted]>
**Subject:** Każ K/035: Ilmenti dwar nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa

Onor Dr Jason Azzopardi MP

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. L-ittra qed titlob risposta mingħandek sat-Tnejn 22 ta' Marzu 2021.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

<image003.png>

<Letter to Jason Azzopardi 2021-03-18.pdf>

DOKUMENT E

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

14 ta' Marzu 2023

Dr Jason Azzopardi

Bl-email fuq [redacted]
u [redacted]

Dr Azzopardi

**Każ nru. K/035 dwar nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa**

Nirreferi għall-korrispondenza u d-diskussjonijiet li kellek mal-Kummissarju għall-Istandards preċedenti dwar il-każ K/035.

Nifhem li fid-29 ta' Lulju 2022, inti kellek laqgħa mal-Kummissarju preċedenti fejn huwa ppropona li l-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jgħid li:

> *"Meta l-Kummissarju jsib li ksur tal-Kodiċi ta' Etika jew ta' xi dmir statutorju jew etiku ma jkunx ta' xorta gravi, hu jista' jagħti perjodu ta' żmien lill-persuna investigata li fih tkun tista' tirrimedja dak il-ksur."*

Nifhem li inti qbilt ma' din il-proposta u aċċettajt li s-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħek tat-28 ta' Marzu 2021 jittieħdu bħala ammissjoni u apoloġija għall-finijiet tal-artikolu 22(5) tal-Att.

Nitolbok tikkonferma li din għadha l-pożizzjoni tiegħek, sabiex jiena nkun nista' nikkonkludi l-każ ai termini tal-artikolu 22(5).

Insellimlek,

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

DOKUMENT F

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Jason Azzopardi [redacted] |
| **Sent:** | Tuesday, 14 March 2023 17:44 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | Azzopardi Jason at Parlament-MT |
| **Subject:** | Re: Każ K/035 |

Sur Polidano

nikkonferma

sliem

Jason

On Tue, Mar 14, 2023 at 2:22 PM Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt> wrote:

> Dr Jason Azzopardi
>
> Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali
>
> **Office of the Commissioner for Standards in Public Life**
>
> 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
> +356 27 269 593 www.standardscommissioner.com